KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 26/7/194/17

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 26

*L-Erbgħa 22 ta' Frar 2017*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar **l-Erbgħa 22 ta' Frar 2017**. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

**Preżenti:**

Dominic Grima-*Sindku*
Steven Axisa-*Viċi Sindku*
Roderick Spiteri-*Kunsillier*
Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*
Nicholas Seychell-Kunsillier
Tyrone Muscat-Kunsillier
Ivan Bartolo-*Kunsillier*

**Assenti b'apoloġija**
(Skont Ordni Permanenti
14A (3):

**Assenti:**

**Uffiċjal Preżenti:** Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kien irċieva ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Seychell però dan kien qed jattendi għal-laqgħa.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr.25. ġew approvati *nem com.*

3. **Korrispondenza**

3.1. Ittra mingħand is-Segretarju tal-Għaqda Mużikali Soċjali Kristu Sultan Banda Paola sabiex jingħata permess biex jintuża ix-xelter ta' biswit l-għassa. Il-membri qablu li ma hemmx oġġezzjoni sakemm ikunu infurmati wkoll l-awtoritajiet tal-ħabs.

3.2. Ittra mingħand is-Sur Joe Magro jitlob illi tinżabar is-siġra taż-żnuber li hemm quddiem il-*billboard* tiegħu li jgħati għall-fuq ir-roundabout ta' Triq Żabbar. Il-membri qablu li din għanda tinżabar. Is-Sindku kompla billi qal dan ix-xogħol isir sakemm qed isir ukoll xogħol fuq il-bankina ta' Triq Żabbar fejn ser issir ukoll *soft area* ġdida bejn is-siġar.

4. **Financial Statements 2016**

4.1. Għal din il-parti tal-laqgħa is-Sindku stieden lill-accountant tal-Kunsill is-Sur Anthony Chircop sabiex jippreżenta l-financial statements għas-sena 2016 lil membri. Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega lil membri dwar l-għan ta' dan ir-rapport; liema statements juru kemm il-Kunsill mexa bil-għaqal u anke wassal sabiex isaħħaħ il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu. Wara li iddiskutew dan ir-rapport il-membri approvaw filwaqt li irringrazzjaw lis-Segretarju Eżekuttiv u lil-accountant tax-xogħol tagħhom fuq dawn ir-rapporti. Is-Sindku qal li grazzi għar-riżultati li jidhru f'dan ir-rapport il-Kunsill jista' jinvesti aktar fondi għall-proġett tat-toroq kif maqbul f'laqgħat preċedenti.

5. **<u>Staff</u>**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-impjegat tal-Kunsill Anthony Gatt wasal biex jirtira u għaldaqstant hemm bżonn li jibda l-proċess għall-ingaġġ ta' impjegat ġdid. Is-Sindku ippropona li tinħareġ is-sejħa filwaqt li is-Sur Gatt jibqa' impjegat tal-Kunsill sabiex ikun jista' jagħti *handover*. Il-membri qablu. Is-Segretarju Eżekuttiv xtaq jieħu din l-opportunita sabiex jirringrazzja lis-Sur Gatt tal-ħidma tiegħu b'mod speċjali tul dan l-aħħar snin. Il-Kunsillier Spiteri ippropona li min jintagħżel jintbagħat kors tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jekk dan ma jkollux. Il-membri approvaw.

6. **<u>Sejħiet għall-Offerti</u>**

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi hemm il-ħtieġa li jinħatar Kumitat għall-Evalwazzjoni tal-Offerti bis-sistema tal-EPPS b'rabta mal-offerti tas-servizz ta' *bulky refuse.* Il-Viċi Sindku xtaq iżid li kien ikun iktar għaqli fil-bidla tas-sistema tingħata attenzjoni sabiex dawn il-kumitati ikunu esperti barra mill-Kunsill. Wara diskussjoni il-membri qablu li dan il-kumitat ikun magħmul kif ġej:

Chairperson (ESR)-Dominic Grima
Segretarju tal-Bord - Kurt Scerri
Evalwatur (ES)- Steven Axisa
Evalwatur (ES)-Roderick Spiteri
Evalwatur (ES)-Bernard S. Lynch

6.2. Is-Segretarju eżekuttiv informa lil membri illi kien sar ix-xogħol fuq it-tender tal-accountant sabiex tkun tista toħroġ is-sejħa għall-offerti. Il-membri approvaw li toħroġ is-sejħa bil-baġit totali ikun dak ta' €35,000 għal erba' snin.

7. **<u>Jum Paola 2017</u>**

7.1. Is-Sindku informa lil membri illi l-membri tas-Soċjetajiet mużikali De Paule u Kristu Sultan talbu laqgħa miegħu b'rabta mal-kunċert ta' Jum Paola sabiex jiddiskutu l-baġit totali tal-Kunsill liema baġit ser ikun ta' €1,100 għall-kunċert u €400 biex jitħallsu l-provi u spejjeż oħra relatati kull Soċjeta. Is-Sindku kompla li l-ħsieb huwa li l-kunċert isir fl-MCAST.

7.2. Il-Kunsillier Lynch xtaq jistaqsi kif is-Sindku għamel laqgħa dwar Jum Paola u huwa bħala kunsillier responsabbli minn Jum Paola ma ġiex mistieden. Kompla billi qal li jekk is-Sindku jixtieq jorganizza waħdu din l-attività javżah biex filkas titneħħielu din ir-responsabiltà. Is-Sindku irrisponda li l-għaqdiet talbu laqgħa mas-Sindku u huwa aċċetta li jiltaqa' magħhom biex jiddiskuti magħhom il-prezz tal-kunċert. Dan kien anke maqbul fl-aħħar laqgħa. Il-Kunsillier Lynch qal li jinsab diżappuntat ħafna b'dan l-għaġir. Is-Sindku irrisponda li tant il-Kunsillier Lynch huwa responsabbli, li minn issa il quddiem ser ikun kollox f'idejh dwar din l-attività.

## 8. <u>Tindif tas-Suq u Latrini</u>

8.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi fid-dawl tal-iskadenza tat-tender u ta' dak li kien qed jiġi diskuss fil-Kunsill, huwa kien iltaqa' mad-Direttur tad-Dipartiment tat-tindif is-Sur Ramon Deguara flimkien mas-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla illi f'din il-laqgħa id-Direttur infurmana li fil-bidu tas-sena 2018 il-Gvern ser jieħu f'idejh il-latrini kollha tan-nofsinhar ta' Malta u għaldaqstant offra li jimmaniġġja il-latrini bid-Dipartiment minn issa però il-Kunsill ikun mitlub iħallas €1,200 fix-xahar għal-dan is-servizz. Il-membri approvaw din l-offerta sakemm tinġieb l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk dan jistax isir. Is-Sindku kompla li sakemm tasal ir-risposta mid-Dipartiment għandna naraw jekk hux possibbli wkoll titħaddem mill-impjegati assenjati mal-Kunsill.

8.2. Is-Sindku kompla li f'din l-istess laqgħa id-Direttur tad-Dipartiment tat-tindif offra wkoll li l-istess Dipartiment inaddaf is-Suq darba fil-ġimgħa bil-kimiċi kollha li hemm bżonn biex jitneħħa l-inkonvenjent għar-residenti li qed ikun hemm ta' kull ġimgħa. Dan is-servizz kien offrut għal €300 fix-xahar. Is-Sindku kompla billi issuġġerixxa li dan l-ammont jitnaqqas mit-tender tal-knis fid-dawl li it-tindif fis-suq huwa inkluż fit-tender. Il-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li dwar dan għanda tinkiseb ukoll l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

8.3. Fuq dan il-punt il-Kunsillier Spiteri xtaq ukoll jgħid li hemm parti minn Triq Melita ilha ma tinkines tlett ġimgħat. Is-Sindku irrisponda li fi tlett ġimgħat missu sar rapport lil Kunsill. Il-Kunsillier Ivan Bartolo żied li meta jara xi ħaġa huwa dejjem iressaq l-ilment lis-skrivani tal-Kunsill. Is-Sindku stieden lil membri sabiex dejjem iressqu l-ilmenti tagħhom.

## 9. Stat tat-toroq fil-lokalita

9.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li dan l-item kien qed jitressaq wara korrispondenza li twasslet mill-Kunsillier Ivan Bartolo. Il-Kunsillier Bartolo xtaq jistaqsi dwar il-patching li ilhu biex isir fid-dawl tal-istat ħażin ta' diversi toroq. Hawnhekk is-Sindku irrisponda illi sfortunatament ilhu jistieden lil kuntrattur *Ells Urban Services* sabiex jibda ix-xogħol għall-bosta ġimgħat. Wara diskussjoni il-membri qablu li jekk permessibli bit-tender dan il-kuntratt jitwaqqaf u jinħareġ tender ġdid ta' *Road Patching u Pavement works* flimkien, bil-baġit ikun ta' €120,000 għal tlett snin. Is-Sindku kompla li flimkien ma dan it-tender ser jitkompla ix-xogħol fuq it-tender tal-PPP marbut mat-toroq.

## 10. Komunikazzjoni mis-Sindku

10.1. Is-Sindku informa lil membri illi wara diversi talbiet li saru lil Transport Malta u lil Ministru Joe Mizzi, kien beda ix-xogħol fuq Triq Ħal Luqa fid-dawl tal-istat ħażin li din kienet tinsab fiha. Is-Sindku kompla wkoll li għaddejjin diskussjonijiet oħra fuq Triq il-Prinċipessa u Triq il-Baċir biex dawn isiru mill-Gvern Ċentrali.

10.2. Is-Sindku għamel ukoll referenza għal dak li intqal fil-media tal-Partit Nazzjonalista marbut ma' nuqqas ta' xogħol ta' manutenzjoni ta' toroq u bankini fil-lokalita ta' Paola. Is-Sindku ippreżenta diversi ritratti ta' xogħol ta' manutenzjoni ta' bankini u tabelli u sinjali li saru mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali Paola fosthom fi Triq San Ġużepp, Santa Monika, Bormla etc. Il-Kunsillier Bartolo qal li din l-*issue* inqalat fid-dawl tax-xogħol ta' manutenzjoni li sar fuq il-bankina ta' Pjazza Antoine De Paule quddiem il-Każin tal-Partit Laburista. Is-Sindku qal li dan kien xogħol li sar b'approvazzjoni tal-istess Kunsill Lokali Paola meta fil-Kunsill kien approvat li ser isir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankini mill-ħaddiema tal-Kunsill.

10.3. Is-Sindku xtaq jagħmel referenza wkoll għal dak li inkiteb fuq *facebook* mill-Kunsillier Bartolo fejn l-istess kunsillier għamel referenza għan-nuqqas ta' attendenza mis-Sindku Dominic Grima fil-leġislatura preċedenti fejn kien jokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sindku kompla billi qal li mhux aċċettabbli li isiru kummenti personali minn persuni li lanqas kienu parti mill-Kunsill speċjalment meta in-nuqqas kien riżultat tal-mard li kien hemm fil-familja. Il-Kunsillier Bartolo qal li innota dan fuq ir-rassenja tal-laqgħat tal-leġislatura preċedenti u ma kien qed jagħmel l-ebda attakk personali.

10.4. Is-Sindku informa lil membri li ser issir attività marbuta mal-Karnival bejn il-membri li jattendu iċ-Ċentru Anzjanità Attiva Paola. Ser issir ukoll ħarġa għat-teatru Manoel fi tmiem is-sessjonijiet tad-drama.

10.5. Is-Sindku qal ukoll li beda ix-xogħol fuq attività li tinkludi Ġita għal-Sqallija liema attività ser tiġi organizzata wkoll b'risq l-Istrina u l-Malta Community Chest Fund.

## 11. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

11.1. Il-Viċi Sindku Steven Axisa xtaq jirrimarka li kien japprezza li meta isiru konferenzi għall-istampa ikunu infurmati il-membri kollha tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li ma kien irċieva l-ebda stedina imma ikun hemm ċirkustanzi fejn is-Sindku ikun mistieden personalment. Il-membri qablu li dawn il-Ministeri ikunu infurmati b'dan.

11.2. Il-Kunsillier Muscat xtaq jistaqsi dwar il-proċess marbut mal-lapida li kellha issir fi Ġnien Pawlu Boffa. Is-Sindku ikkonferma li din għanda issir fil-ġranet li ġejjin.

## 12. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

12.1. Il-Viċi Sindku Steven Axisa xtaq jagħmel referenza għall-pagament numru 30 marbut ma' pagament ta' skips fejn qal li l-kuntrattur li kellna qabel ma kienx iżomm flus għall-istess skips. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li meta l-kollettur il-ġdid kien qed jiġbor għall-ewwel darba, kien iltaqa' ma żewġ ċirkustanzi fejn kienu qed jintużaw skips biex jinġabar l-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li l-kuntrattur infurmah li dawn l-skips kienu fi stat diżastruż u offra biex jibdilhom u jibda jiġbor l-iskart ġenerat fihom hekk kif jippermetti ukoll it-tender skond ir-rati imniżżla fit-tender. Il-Kunsillier Seychell staqsa għalfejn qed jitħallsu l-flus għal dawn l-iskips meta dawn jistgħu jinxtraw u jkunu tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv irrisponda li r-rati jinkludu il-kiri tal-skip kif ukoll is-servizz tat-tbattil, tindif u l-manutenzjoni tagħhom. Il-Kunsillier Seychell staqsa jekk verament dawn ir-rati humiex inklużi fit-tender u hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv talab lil Kunsillier biex ma jibqax jinsinwa affarijiet b'rabta mat-tenders tal-iskart u l-knis. Il-Kunsillier Seychell irrisponda li is-Segretarju Eżekuttiv kien ukoll instema mill-għarus tat-tifla tiegħu jinsinwa għand xi mekkanik li l-kunsilliera ma jagħmlu xejn. Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan tassew mhux minnhu speċjalment fid-dawl tal-fatt li huwa jieħu l-karozza tiegħu darba fis-sena għas-*service* għand il-kumpanija minn fejn kien xtara l-karozza u ma' għandu l-ebda kuntatt ma' xi mekkanik. Għaldaqstant

żied li dan tassew mhux minnu. Is-Sindku kompla li r-rati kienu inkluża fit-tender u l-Kunsillier Seychell qal li mhux sewwa li aħna inħallsu żejjed għat-tbattil tal-skips. Il-Viċi Sindku qal li jekk dan l-item jerġa ikun fuq l-iskeda tal-pagamenti, huwa jkun pront sabiex jekk l-iskart jinġabar aktar tard milli suppost jibgħat email lis-Segretarju biex tittieħed azzjoni u jfittex ix-xagħra fl-għaġina fil-kuntratt bħal ma qiegħed jagħmel il-kuntrattur magħna. Is-Sindku aċċerta lil membri li meta jkun hemm nuqqas fis-servizz ikun l-ewwel wieħed li jkellem lil kuntrattur. Il-Kunsillier Spiteri qal li huwa kif ra l-iskeda tal-pagamenti kien staqsa lis-Segretarju dwar dan l-item sabiex jiġi iċċarat jekk dan hux parti mit-tender u kif is-Segretarju ikkonferma dan, huwa waqaf milli jagħmel l-ilment tiegħu. Għaldaqstant kompla billi issuġġerixxa li din il-materja tkun diskussa mal-kuntrattur biex is-servizz tal-iskips jingħata b'xejn. Is-Sindku laqa dan is-suġġeriment u qal li ser jitkellem mal-kuntrattur dwar is-suġġett.

12.2. Wara din id-diskussjoni il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-kumplament l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 26 għas-somma ta' €29,254.82

**13. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

13.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:35pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 29 ta' Marzu 2017.

Konfermati, illum-Erbgħa 29 ta' Marzu 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |